MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 423/1997/1

Joseph Boffa

vs

Direttur tal-Libreriji Pubblici

Illum 28 ta' Ottubru, 2004

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrent fl-1 ta' Settembru 1997 fejn espona illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' Novembru 1991/Ottubru 1993 huwa sofra ngustizzja f' li thalliex ikompli jidhol jahdem is-Sibtijiet/ gie mgieghel johrog bil-'forced leave' ghal ebda raguni ta' xejn.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa ilu jahdem fil-librerija tal-Gvern mill-1958. Huwa ghandu esperjenza vasta fuq din il-linja u huwa l-aktar wiehed ikkwalifikat fid-Dipartiment. Huwa kien gie maghzul biex jattendi course ta’ sentejn fl-Ingilterra li wara wassal ghal FLA li hija ekwivalenti ghal degree. Illi huwa fil-1973 kien diga qieghed understudy ta’ l-advisor Ingliz bl-ghan li r-responsabilitajiet tal-libreriji pubblici jghaddu f’idejh. Dan fil-fatt sehh fl-1975.

Illi mill-1975 sa l-1983 huwa dejjem mexxa l-libreriji pubblici bl-akbar abilita u efficjenza. F’dan il-perjodu huwa dejjem kellu relazzjonijiet tajbin mas-superjuri tieghu kif ukoll mal-kumplament ta’ l-impjegati. Li gara kien li meta lahaq kap tad-dipartiment is-sur John Sultana, dan ma riedx li r-rikorrent jibqa’ aktar responsabbli huwa. Illi is-sur Sultana ippremmetta li tinholoq sitwazzjoni intollerabbli fis-sezzjoni.

Illi f’Awwissu r-rikorrent beda isofri minn ingustizzja billi kien l-uniku wiehed li ma thalliex ikompli jidhol jahdem is-Sibtijiet. Illi huwa qatt ma nghata raguni valida ghala ittiehdet din l-azzjoni meta fil-fatt kien hemm bzonn il-htiega tas-servizzi tieghu.

Illi l-UHM kienet kitbet lid-direttur li l-istaff li huwa responsabbli minnu r-rikorrent, kien qieghed jigi mdejjaq fuq il-post tax-xoghol. F’Ottubru 1993, is-sur Sultana, ordnalu biex kemm hu kif ukoll is-segretarja tieghu johorgu gimgha ‘forced leave’ sakemm tissolva l-problema li kien hemm mal-UHM. F’Novembru 1993 huwa kien ordnat biex jirraporta fil-bibjoteka l-Belt, f’kamra zghira li mhix addattata ghan-nies. Illi huwa ma baqghax officer i/c Public and School Libraries imma nghata xoghol klerikali. Donnu dan ma kienx bizzejjed, ghax f’Ottubru 1995 is-Sur Sultana nehhielu x-xoghol kollu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jigi kkumpensat minhabba li ma thalliex ikompli jahdem is-sibtijiet u jinghata lura l-hatra li kellu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Rat ir-risposta tad-Direttur tal-Libreriji Pubblici fejn wiegeb:

Illi ghall-habta ta' madwar Novembru tas-sena 1991 ir-rikorrent kien intalab mill-intimat biex jaccetta li nhar ta' Sibt jalterna mas-Sur Joseph Debattista, ufficjal principali li nkarigat mill-amministrazzjoni tal-Libreriji Pubblici. Ir-rikorrent Boffa baqa' jinsisti li kellu jidhol hu kull Sibt. Meta ma riedx jaccetta li jidhol ghall-extra duty nhar ta' Sibt skond roaster, huwa ntalab biex ma jibqax jidhol nhar ta' Sibt.

F'Ottubru tal-1993 l-intimat kien ircieva ordni mill-Ministru responsabbli dak iz-zmien ghad-Dipartiment tieghu sabiex ir-rikorrent Boffa ma jithalliex jidhol fil-Librerija Pubblika ta' Belt is-Sebh jew jersaq fil-vicinanzi taghha.

Kienet x'kienet ir-raguni ta' dan, jibqa' l-fatt li l-intimat sab ruhu f'posizzjoni fejn ma kellux xelta ohra hlief li joqghod ghal dik l-ordni. Effettivament, gara wkoll li mill-aspett ta' relazzjonijiet industrijali tramite l-UHM sebgha u tmenin fil-mija ta' l-istaff addett mad-Dipartiment tieghu fil-Librerija Pubblika kienu lesti li jiehdu azzjoni ndustrijali jekk ir-rikorrent jithalla jkompli jmexxi l-librerija ta' Belt Is-Sebh.

F'din is-sitwazzjoni, l-intimat kien ta parir lir-rikorrent sabiex jiehu xi leave, u effettivament l-istess rikorrent kien hareg gimgha leave. Kuntrarjament ghal dak li jallega r-rikorrent, dan certament ma kien forced leave xejn!

Dwar l-allegazzjoni l-ohra li l-kamra zghira fejn kien jahdem ir-rikorrent ma kinitx addattata ghan-nies, l-intimat jistieden lil dan it-Tribunal paragun bejn din l-istess kamra u dik uzata mir-rikorrent, u jaghmel il-konkluzjonijiet tieghu. Il-Bibljoteka fejn jahdem r-rikorrent hi nieqsa mill-akkomodazzjoni u facilitajiet ohra ghall-istaff.

Meta matul is-sena 1995, imbaghad, lir-rikorrent tnaqqaslu hafna mix-xoghol li darba kien jaghmel, ir-raguni ghal dan kienet minhabba l-bidu tal-komputerizzazzjoni tal-Librerija Pubblika centrali u s-sitwazzjoni nkonvenjenti hafna li kienet inholqot. L-intimat xtaq jirrileva li r-rikorrent Boffa baqa' dejjem u ghadu sal-lum, l-ufficjal inkarigat mil-Libreriji ta' l-Iskejjel.

Fid-dawl ta' dan kollu, l-intimat jirritjeni umilment li assolutament ma jezisti ebda kaz ta' xi ngustizzja.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Semghet ix-xhieda bil-gurament u t-trattazzjoni ta' l-avukat difensur.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:

Ir-rikorrent huwa impjegat mal-gvern bi grad ta' teacher u ghandu esperjenza vasta fil-qasam tal-libreriji. Fl-1973 mar ghal tlett snin l-Ingilterra biex jistudja dan il-qasam u ottjena l-FLA li huwa degree prestigjuz fil-qasam tal-libreriji.

Fl-1975 meta gie lura gie moghti il-kariga ta' officer-in-charge mill-Libreriji Pubblici.

Bejn l-1976 u l-1989 il-libreriji kollha ta' Malta gew upgraded u inghata l-inkarigu specifiku sabiex jistitwixxi u jwaqqaf il-Librerija Pubblika tal-Furjana u jorganizza it-

trasferiment taghha mill-bini li kien hemm hdejn il-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal fond aktar addattat f' Belt is-Sebh.

Kien ukoll strumentali li jwaqqaf il-libreriji regjonali u beda il-process ghal kompjuterizzazzjoni tal-librerija.

Jidher pero illi mhux kollox kien 'plain sailing' u r-rikorrent gie f'konflitt ma' diversi persuni li wassal biex gie ordnat ma jaghmilx xoghol nhar ta' Sibt kif kien is-soltu jaghmel, u f' Novembru tan-1993 gie trasferit ghal Bibjoteka tal-Belt. Ghalhekk f'din il-kawza r-rikorrent qed jitlob il-hlas ghal xoghol tas-Sibtijiet fil-Librerija Pubblika minn Awissu tan-1991 sal-lum u/jew rikompens ta' dan u t-tieni ghax tnehha mill-kariga li kien jokkupa bhala Kap tal-Librerija Pubblika, jinghata lura din il-hatra u/jew kumpens.

Ikkunsidra

Qabel ma t-Tribunal jghaddi biex jikkunsidra il-meritu irid jiddisponi minn eccezzjoni ta' gurisdizzjoni imqajma mill-intimat fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2001 (fol. 94) fejn f'din l-eccezzjoni rrileva n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal peress illi l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax f'wiehed mill-kazijiet taht l-imsemmija mill-artiklu 6 ta' l-Att 8 tan-1997.

Minkejja illi l-partijiet ma ffukawx fuq din l-eccezzjoni u tidher illi waqfet f'dan il-verbal, il-Qorti pero trid ittiha l-importanza taghha bejn il ghaliex kwistjonijiet ta' gurisdizzjoni huma ta' ordni pubblika u wkoll il ghaliex la darba tqajjmet ma tistax tithalla in arja anki jekk il-partijiet ma kkumentawx dwarha.

Ikkunsidra

L-artiklu 6 ta' l-att fuq imsemmi jghid illi t-Tribunal ghandu s-setgha illi jisma' u jaqta' dwar kull ilment bil-miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garbet ingustizzja konsegwenza ta' xi distinzjoni eskluzjoni jew preferenza in debita li tkun saret bi hsara ghaliha. Dejjem pero ghal dak li jirrigwarda hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta'

ufficjali pubblici, hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta’ membri ufficjali jew impjegati ta’ xi korp imwaqqaf b’ ligi u c-cirkostanzi ohra msemmija bis-sub-artikli c, d u e ta’ l-istess artiklu.

Minn ezami akkurat tat-talbiet tar-rikorrent jirrizulta illi l-ewwel wahda tirrigwarda ir-refuzjoni jew hlas lura ta’ flus illi huwa tilef konsegwenza ta’ decizjoni illi huwa ma jaghmilx xoghol nhar ta’ Sibt u t-tieni qed jilmenta dwar t-trasferiment illi sar mill-Librerija Pubblika tal-Furjana ghal dik tal-Belt.

It-Tribunal jidhirlu li l-eccezzjoni moghtija mill-intimat ghandha l-importanza taghha f’dan il-kaz ghal dak li jirrigwarda l-ewwel talba. It-Tribunal jidhirlu illi din ma tinkwadrax taht wahda mill-kweziti msemmija mis-sub-artikli ta’ l-artiklu 6 ta’ l-att fuq imsemmi. Ir-revuzjoni ta’ flus jew kumpens konsegwenza ta’ decizjoni amministrattiva li setghu jaffetwaw il-kundizzjonijiet tax-xoghol tar-rikorrent mhuwiex wahda mill-ilmenti li dan it-Tribunal ghandu l-gurisdizzjoni li jikkunsidra. Dina hija haga purament civili illi r-rikorrent jista’ jekk irid jirrikorri ghat-Tribunali ordinarji. Ghal dak pero illi jirrigwarda t-trasferiment mill-Librerija Pubblika tal-Furjana ghal dik tal-Belt, it-Tribunal ghandu l-gurisdizzjoni u jista’ jissindika d-decizjoni tad-Direttur illi jaghmel dan it-trasferiment u ghalhekk it-Tribunal sejjer jikkunsidra c-cirkostanzi kollha illi jirrizultaw mill-atti illi wassal ghal dan it-trasferiment u jara jekk kienx gustifikat jew le. Fil-kaz illi ma kienx, tordna kumpens.

Ikkunsidra

Jinghad mill-bidu nett illi t-Tribunal m’ ghandu l-ebda dubju li r-rikorrent huwa bniedem intelligenti, kapaci, dinamiku u b’energija u li kien strumentali ghat-twaqqif tal-Libreriji Pubblici fi sfond modern kif nafuhom illum. Fin-nota tieghu r-rikorrent elenka b’mod akkurat il-kummenti u l-opinjonijiet tad-diversi personalitajiet illi kien iltaqa’ maghhom fil-kors tal-karriera tieghu; liema kummenti u opinjonijiet huma kollha ferm posittivi fil-konfront ta’ l-abbilta’ teknika tieghu. Pero t-Tribunal jinnota illi r-rikorrent

ghandu difetti kbar ghal dak illi jirrigwarda relazzjonijiet inter personali specjalment ghal dak li jirrigwarda l-haddiema u l-ufficjali bi grad anqas minnu. Ir-rikorrent ippogi hafna mill-htija ghal dak illi gara fuq Joseph Debattista li kien student tieghu u li r-rikorrent kien strumentali illi mar jahdem il-Librerija Pubblika ta' Belt is-Sebh. Skond ir-rikorrent kien hemm ukoll pika bejnu u bejn id-direttur John Sultana li minhabba differenzi fit-twemmin politiku taghhom, Sultana beda jaghti r-rih lil Debattista, ukoll saru hafna konfoffi fil-konfront tar-rikorrent biex imbaghad spicca li gie trasferit lejn il-Librerija Principali tal-Belt.

It-Tribunal jinnota pero illi l-kwistjonijiet bejn ir-rikorrent u l-haddiema fil-Librerija Pubblika tal-Furjana bdew hafna qabel ma wasal Joseph Debattista. Fil-fatt Gejtu Tanti, il-President tal-Union Haddiema Maghqudin xehed mir-rekords taghhom, illi lmenti dwar ir-rikorrent immorru lura sa l-1985. Ilmenti illi kienu jkopru diversi suggetti li pero huma kollha indikattivi ta' l-attitudni illi r-rikorrent kellu versus il-haddiema tieghu. Is-Sur Tanti dahal personalment f'din il-kwistjoni, tkellem mal-Ministru koncernat u gie deciz illi jsir divizjoni ta' doveri – dak amministrattiv ikun f'idejn Debattista u dak tekniku f'idejn ir-rikorrent. Saret ittra formali mid-direttur fuq din id-divizjoni illi giet komunikata kemm lir-rikorrent kif ukoll lis-Sur Debattista. Minkejja dan, is-sitwazzjoni xorta baqghet l-istess u l-haddiema, kemm dawk membri tal-UHM kif ukoll membri tal-General Workers' Union iffirmaw petizzjoni fejn allegaw li ma kienx possibli ghalihom jibqghu jahdmu mar-rikorrent. Fix-xhieda tieghu r-rikorrent jghid illi jaf b'din il-petizzjoni izda jikkontesta n-numru u l-persentagg illi l-UHM tghid illi lmentaw fil-konfront tieghu. Anzi r-rikorrent jallega illi kien hemm xi haddiema illi gew ippressati jiffirmaw din il-petizzjoni. Interessanti illi Michael Galea; assistant librarian jghid a fol. 185 illi huwa kien ilu jahdem il-Furjana mill-1980 u sar assistant librarian fis-sena 2000. Huwa kien ix-shop steward tal-General Workers' Union. Meta lmenta mal-Union tieghu dwar it-tmexxija tar-rikorrent ma sabx il-koperazzjoni mehtiega u ghalhekk kien irrezenja mill-General Workers' Union u nghaqad mal-UHM. Jiftakar it-tensjoni li kienu jahdmu

biha meta kien ikun hemm ir-rikorrent. Ma tantx jiftakar lil Joseph Debattista il ghaliex meta hu gie il-Furjana, Galea intbaghat Rahal Gdid. A fol. 188 jghid illi ma kien hemm xejn personali bejnu u bejn ir-rikorrent izda ma kienx jaqbel ma l-istil tat-tmexxija tar-rikorrent. Kien dan l-istil ta' tmexxija li ingiebet a konjuzzjoni tad-direttur John Sultana illi okkupa din il-kariga minn Jannar 1983 sa Ottubru 1997. F' dan il-perjodu is-Sur Sultana ircieva lmenti minghand il-UHM dwar l-imgieba tar-rikorrent mal-haddiema tieghu. Semma ukoll l-incidenti li ssusegwentement inqalghu bejn ir-rikorrent u Joseph Debattista liema incidenti bdew meta Joseph Debattista ried jaghmel xoghol nhar ta' Sibt. Is-Sur Sultana fil-kwalita' tieghu ta' direttur deherlu illi huma dawk il-haddiema li jigu f'kuntatt dirett mal-pubbliku illi setghu jaghmlu xoghol nhar ta' Sibt. Skond Sultana, ir-rikorrent irrifjuta illi jaghmel xoghol b'kuntatt dirett mal-pubbliku u ghalhekk twaqqaf milli jidhol nhar ta' Sibt. Ghad illi originarjament kien gie suggerit illi isir alternanza bejn ir-rikorrent u Joseph Debattista billi darba jidhol wiehed u darb'ohra jidhol l-iehor izda r-rikorrent jghid illi qatt ma gie mgharraf b'din il-proposta. A fol. 116 Sultana jghid illi r-rikorrent gab firda bejn l-istaff b'mod generali. Kien hemm klikka zghira favur tieghu u ohrajn kollha kontra. Meta mbaghad il-UHM bdiet thedded illi se tiehu azzjoni industrijali jekk ma tigix solvuta il-kwistjoni tar-rikorrent, Sultana sejjah laqgha mal-Ministru u fil-prezenza tal-Permanent Secretary gie deciz ili jkun ahjar illi r-rikorrent jitwarrab mill-Librerija Pubblika tal-Furjana. Din il-laqgha saret fil-gurnata tal-Gimgha u s-Sibt ir-rikorrent gie ordnat johrog bil-leave u wara jirraporta l-Librerija tal-Belt, flimkien mieghu marret is-segretarja Marisa Calleja. Wara dan, l-atmosfera fil-Librerija ikkalmat, tnehhiet it-tensjoni u hlief ghal xi kaz izolat ma hemmx aktar kwistjonijiet. Wara l-elezzjoni ta' l- 1996 ir-rikorrent ipprova jirritorna lura ghal librerija izda l-istaff oggezzjona u gie ordnat immur lura.

Ikkunsidra

Illi meta it-Tribunal evalwa l-assjem tal-provi u d-dokumenti migbura jasal ghal konkluzjoni illi verament ir-rikorrent, ghal dak illi jirrigwarda r-relazzjonijiet inter personali kien bniedem difficli u tazzarda tghid illi ghandu

tendenzi narsisstici li ghamilha difficli ghalih li jirrelata positivament ma' nies illi hu jikkonsidra inferjuri ghalih, ghad illi hu jmur tajjeb hafna ma' nies illi hu jikkunsidra tal-livell tieghu jew ahjar minnu (ara xhieda ta' Karmenu Mifsud Bonnici, Dr. Philip Muscat, Dr. Vincent Depasquale u Marie Benoit). Fatturi ohra li jimilitaw lejn din it-tendenzza huwa l-fatt illi ghal zmien u l-eta' tieghu rnexxielu jakkwista hafna; gab l-FLA illi kif ga inghad huwa degree prestigjuz u rari hafna ghal Malta. Ir-rikorrent hu ukoll konvint illi hu ahjar u aktar kapaci minn haddiehor. Ma setghax jaccetta l-fatt illi Joseph Debattista; ex student tieghu jista' b'xi mod johodlu postu jew inkella jaghmel xi ordnijiet. Kien oggezzjona ghal-fatt illi Debattista jipprepara r-roaster ta' min kellu jidhol nhar ta' Sibt u ma setghax jaccetta li anqas jiehu ordnijiet diretti jew indiretti minghand Debattista. Fil-fatt ir-rikorrent ftit li xejn kellu nteress f'dak li qed ihoss jew jahseb haddiehor. Jekk Debattista jaghti xi ordni amministrattiva li jirrigwarda caqlieq ta' l-istaff, ir-rikorrent jaghti kontro ordni bi pregudizzju kbir ghal istess staff illi jsibu ruhhom f'konflitt u ma jafux lil min se jobdu u b'hekk tohloq tensjoni qawwija fl-istess dipartiment. Ir-rikorrent ikun irrabjat meta l-haddiema ma jaghmlux dak li jrid hu u jwahhal fihom meta jirrizulta xi nuqqas fejn sahansitra wasal biex itella' lil Michael Galea darbtejn qudddiem il-Public Service Commission ghad illi dan ta' l-ahhar gie illiberat fiz-zewg istanzi. Fattur iehor hu li r-rikorrent jahseb li kwalunkwe kritika li kienet issir fil-konfront tieghu hija motivata minn ghajra jew inkella fatturi politici. Ghajra il ghaliex m'hemm hadd hliefu fid-dipartiment illi ghandu il-kwalifiki li ghandu hu u fatturi politici minhabba illi jista' jkun hemm divergenzi politici bejnu u bejn is-superjuri tieghu u ghalhekk iwahhal f'dan il-fattur kull darba illi ssir xi haga li ma toghgbux. Jilmenta ukoll diversi drabi illi huwa ma giex ittrattat tajjeb jew inkella illi hadd ma fehmu. Fl-ahhar it-Tribunal tinnota li minkejja li r-rikorrent ghandu opinjoni gholja tieghu innifsu, hu verament intelligenti u kapaci liema intelligenza u kapacita' trid tkun indirizzata f'sitwazzjoni fejn ir-rikorrent ikollu relazzjonijiet interpersonali mill-inqas.

Irrizulta illi r-rikorrent kien l-aktar kuntent fil-bidu nett meta kien qed iwaqqaf il-Librerija Pubblika fejn hemmhekk skond l-istess direttur kien wahdu u setgha jaghmel li jrid. Marie Beniot a fol. 75 tghid illi huwa beda bi staff ta' xi 14-il ruh u spicca b'xi 50. Naturalment persuna illi jkollu diffikultajiet biex jirrelata ma' terzi, isibha ferm difficli illi jirrelata positivament ma' staff ta' 50 persuna ghad li tista' ma tkunx daqshekk difficli fi staff zghir ta' xi 14 li jirrapurtaw biss lilu.

It-Tribunal jaqbel perfettament ma' l-assessment maghmul minn John Sultana fuq ir-rikorrent b'ittra mibghuta lis-segretarju privat fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni; liema ittra tinsab esebita a fol. 14. Is-Sur Sultana jiddeskrivi lir-rikorrent bhala bniedem energetiku ghal ahhar li sawwar u bena s-sistema tal-Libreriji Pubblici illi ghandna illum izda ukoll huwa karattru difficli illi jantagonizza lil min jahdem mieghu.

It-Tribunal isib illi t-trasferiment tieghu lejn il-Bibjoteka tal-Belt kienet wahda gustifikata fl-isfond tac-cirkostanzi li nghatat. Ma jistax ikun illi fid-Dipartiment bhal Librerija Pubblika tirrenja tensjoni meta hemmhekk huwa propju dipartiment illi ghandna tirrenja il-kalma u l-paci biex taghti servizz ahjar lil pubbliku li jmur ifittixha.

U ghalhekk tasal ghal konkluzjoni illi filwaqt illi tastjena ruhha li taghti decizjoni fuq il-kap ta' kumpens dwar jekk ir-rikorrent kienx intitilat o meno illi jidhol jahdem nhar ta' Sibt, tichad it-talba tar-rikorrent ghal dik illi jirrigwarda l-ilment tad-diskriminazzjoni fit-trasferiment tieghu mil-Librerija Pubblika ta' Belt is-Sebh ghal Bibjoteka tal-Belt. Peres illi jidhrilha illi stante il-mod negattiv tar-relazzjonijiet inter personali tar-rikorrent tali trasferiment kien gustifikat. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------